

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## IL-133 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 6.2.2019–7.2.2019

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar “Ewropa Kreattiva u Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura”

(2019/C 168/07)

<b>Relatur:</b>	János Ádám KARÁCSONY (HU/EPP), Local councillor, Tahitótfalu village
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 COM(2018) 366 final Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura COM(2018) 267 final

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

## Emenda 1

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 Preambolu, Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, <b>inkluż</b> il-kontribut aktar wiesa' tagħhom <b>għat-tkabbir u l-kompetittività</b> , u għall-kreattività u l-innovazzjoni. Dan jeħtieġ setturi kulturali u kreattivi Ewropej qawwija, b'mod partikolari industrija awdjoviżiva Ewropea vivaċi, li l-kapaċità tagħha li tilħaq udjenzi kbar u l-importanza ekonomika tagħha, inkluż għal setturi kreattivi oħra u għat-turiżmu kulturali, ikunu ġew ikkunsidrati [...]	Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, <b>kif ukoll</b> il-kontribut aktar wiesa' tagħhom <b>għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, kif ukoll għall-kompetittività</b> , u għall-kreattività u l-innovazzjoni. Dan jeħtieġ setturi kulturali u kreattivi Ewropej qawwija, b'mod partikolari industrija awdjoviżiva Ewropea vivaċi, li l-kapaċità tagħha li tilħaq udjenzi kbar u l-importanza ekonomika tagħha, inkluż għal setturi kreattivi oħra, <b>l-iżvilupp territorjali u r-rabtiet tiegħu mal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti</b> u għat-turiżmu kulturali, ikunu ġew ikkunsidrati [...]

## Raġuni

Il-Kooperazzjoni Reġjonali u Territorjali Ewropea toħloq tkabbir u impjegji u tippromovi l-Ewropa bħala destinazzjoni, inkluż permezz ta' rotot kulturali makroreġjonali. Hemm raġuni biex nibnu fuq dawn l-esperjenzi biex titħeġġeġ il-promozzjoni tal-kultura fil-livell territorjali abbażi tal-prinċipji tal-Artikolu 174 tat-TFUE u biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha fl-iżvilupp territorjali mmexxi mill-innovazzjoni. Kif indikat fil-pjan ta' azzjoni għal Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tkompli tappoġġja r-reġjuni li jimplementaw l-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti u l-istrateġiji makroreġjonali ffukati fuq il-kultura u jippromovu t-turiżmu kulturali sostenibbli.





## Emenda 8

## Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
B'konformità mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "KULTURA" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:	B'konformità mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "KULTURA" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:
(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera u taċ-ċirkolazzjoni ta' operaturi u xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej;	(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera u taċ-ċirkolazzjoni ta' operaturi u xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej, <b>fil-waqt li jiġu kkunsidrati b'mod speċjali daww ir-reġjuni bi żvantaġġi ġeografiċi speċifiċi bħar-reġjuni ultraperiferiċi;</b>
(b) iż-żieda tal-parteċipazzjoni kulturali fl-Ewropa kollha;	(b) iż-żieda tal-parteċipazzjoni kulturali fl-Ewropa kollha;
(c) il-promozzjoni tar-reżiljenza u l-inklużjoni soċjali permezz tal-kultura u tal-wirt kulturali;	(c) il-promozzjoni tar-reżiljenza u l-inklużjoni soċjali <b>kif ukoll l-innovazzjoni</b> , permezz tal-kultura u tal-wirt kulturali;
(d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu;	(d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu, u biex jinħolqu l-impjegi u t-tkabbir <b>u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali u reġjonali;</b>
(e) biex jinħolqu l-impjegi u t-tkabbir;	(e) it-tisħiħ tal-identità u tal-valuri Ewropej permezz tal-kuxjenza <b>u skambji</b> kulturali, l-edukazzjoni artistika u l-kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni;
(f) (f) it-tisħiħ tal-identità u tal-valuri Ewropej permezz tal-kuxjenza bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni; ---TO BE SEPARATED- (g) l-għoti ta' kontribut lejn l-istrateġija globali tal-Unjoni għar-relazzjonijiet internazzjonali permezz tad-diplomazija kulturali.	(f) (f) l-għoti ta' kontribut lejn l-istrateġija globali tal-Unjoni għar-relazzjonijiet internazzjonali permezz tad-diplomazija kulturali, <b>inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi bħala atturi ewlenin.</b>

## Raġuni

Jehrieg li tingħata attenzjoni speċjali liż-żoni remoti bi żvantaġġi ġeografiċi, u din is-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi tiġi rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

## Emenda 9

## Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(d) (d) it-twaqqif u l-għoti ta' appoġġ lil Desks tal-Programm għal għanijiet ta' promozzjoni tal-Programm fil-pajjiż tagħhom, u biex iħeġġu l-kooperazzjoni transfruntiera fis-setturi kulturali u kreattivi.	(d) (d) it-twaqqif u l-għoti ta' appoġġ lil Desks tal-Programm <b>u n-netwerking tagħhom</b> għal għanijiet ta' promozzjoni tal-Programm <b>fil-livell nazżjonali, reġjonali u lokali</b> fil-pajjiż tagħhom, u biex iħeġġu l-kooperazzjoni transfruntiera fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Raġuni

Kif enfasizzat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Nofs it-terminu tal-programm Ewropa Kreattiva (2014-2020), il-programm jilħaq liċ-ċittadini permezz tax-xogħlijiet u l-attivitajiet appoġġjati, u jarrikkixxi l-identitajiet Ewropej tagħhom. Is-suċċess globali jiddependi fuq l-effiċjenza fit-tixrid ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-isfidi fil-livell tagħhom. L-Uffiċċji tal-Ewropa Kreattiva għandhom jitħeġġu jiżviluppaw ir-rwol tagħhom, billi jaqsmu l-istess ta' suċċess mhux biss minn pajjiżhom iżda pjuttost fil-livell pan-Ewropew, kif ukoll fl-istrutturi lokali u reġjonali.

**Emenda 10**

## Artikolu 7(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR <b>1 850 000 000</b> , f'termini ta' prezzijiet attwali.	Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR <b>2 000 000 000</b> , f'termini ta' prezzijiet attwali.
Il-programm għandu jiġi implimentat skont id-distribuzzjoni finanzjarja indikattiva li ġejja:	Il-programm għandu jiġi implimentat skont id-distribuzzjoni finanzjarja indikattiva li ġejja:
— sa EUR <b>609 000 000</b> għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a) (il-fergħa KULTURA);	— sa EUR <b>759 000 000</b> għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a) (il-fergħa KULTURA);
— sa EUR 1 081 000 000 għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);	— sa EUR 1 081 000 000 għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);
— sa EUR 160 000 000 għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)(c) (il-fergħa TRANSETTORJALI).	— sa EUR 160 000 000 għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)(c) (il-fergħa TRANSETTORJALI).

**Raġuni**

Il-kultura u l-wirt kulturali għandhom jiġu integrati aħjar fil-prijoritajiet tal-QFP li jmiss kemm permezz ta' mainstreaming kif ukoll l-iffissar ta' mira baġitarja ta' aktar minn EUR 2 biljun għall-programm "Ewropa Kreattiva"; Kważi 78 % aktar finanzjament huwa ppjanat għas-sottoprogramm MEDIA milli għas-sottoprogramm KULTURA, minkejja l-fatt li s-sottoprogramm KULTURA jkopri aktar setturi tal-arti; għalhekk nissuġġerixxu li ż-żieda proposta ta' EUR 150 000 000 tiġi allokata għas-sottoprogramm KULTURA.

**Emenda 11**

## Artikolu 7(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont l-[Artikolu 62(1)(a)] tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont l-[Artikolu 62(1)(c)] ta' dak ir-Regolament. <b>Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.</b>	Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont l-[Artikolu 62(1)(a)] tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont l-[Artikolu 62(1)(c)] ta' dak ir-Regolament. <b>Ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.</b>

**Raġuni**

Fl-Artikolu 7(4) tal-proposta, fejn Stat Membru jittrasferixxi parti mill-allokkazzjoni tiegħu ta' riżorsi ġestiti b'mod konġunt lill-programm Ewropa Kreattiva, iqajjem ċertu tħassib. F'dan il-każ, l-Istat Membru ma għandux biżżejjed garanziji li dawn ir-riżorsi se jkunu allokati għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, il-proposta għandha tiġi abbozzata b'tali mod li dawn ir-riżorsi huma ċerti li għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

**Emenda 12**

Għal Artikolu 13 ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><b>Il-proċedura tal-kumitat</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li><b>1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-“Kumitat tal-Ewropa Kreattiva”). Dak il-kumitat għandu jkunu kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.</b></li> <li><b>2. Il-Kumitat tal-Ewropa Kreattiva jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jitratta kwistjonijiet konkreti relatati mas-Sottoprogrammi u l-Ferġha Transettorjali.</b></li> <li><b>3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.</b></li> <li><b>4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”</b></li> </ol>

**Raġuni**

Il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità se jintlaħqu kompletament biss jekk il-“Proċedura ta' Kumitat”terġa' tiddaħħal fil-proposta biex jiġi żgurat skrutinju xieraq tal-Istat Membru rigward il-ġestjoni tal-programm.

**Emenda 13**

Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà globali tal-Programm mal-politiki u l-programmi rilevanti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-bilanċ bejn is-sessi, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u s-solidarjetà, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-industrija u l-intrapriżi, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, il-politika reġjonali u urbana, l-ġhajnuna mill-Istat u l-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali.	Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà globali tal-Programm mal-politiki u l-programmi rilevanti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-bilanċ bejn is-sessi, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u s-solidarjetà, <b>il-protezzjoni tal-minoranzi u b'mod partikolari l-preservazzjoni tal-wirt tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi indiġeni</b> , l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, <b>it-turiżmu sostenibbli</b> , l-industrija u l-intrapriżi, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, il-politika reġjonali u urbana, l-ġhajnuna mill-Istat u l-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali.

**Raġuni**

It-Turiżmu tal-Wirt Kulturali huwa komponent u kontributor ewlieni għall-attrazzjoni tal-Ewropa, ir-reġjuni, il-bliet, u ż-żoni rurali tagħha f'termini ta' investiment esoġenu tas-settur privat, li jiżviluppa kwartieri kreattivi kulturali u jattira talenti u negozji mingħajr xkiel – b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività reġjonali kemm fl-Ewropa u kif ukoll globalment. Barra minn hekk, peress li ħafna ċittadini tal-UE (madwar 50 miljun persuna) għandhom ċittadinanza li hija differenti mil-lingwa materna tagħhom u min-nazzjonalità tagħhom, jeħtieġ li jitqiesu wkoll l-interessi tagħhom fil-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni.

**Emenda 14**

Artikolu 18(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.	L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda <b>r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term għandu jiġi komunikat</b> mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

**Raġuni**

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term huwa strumentali fit-tfassil tal-programm qafas li jmiss, u għalhekk għandu jkun lest u disponibbli fil-ħin għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

**Emenda 15**

## Anness 1 Fergħa Kultura

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<b>Azzjonijiet settorjali:</b>	<b>Azzjonijiet settorjali:</b>
(a) Appoġġ għas-settur tal-mużika: promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni fis-settur tal-mużika, b'mod partikolari d-distribuzzjoni tar-repurtorju mużikali fl-Ewropa u lil hinn minnha, azzjonijiet ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-udjenzi għar-repurtorju Ewropew, kif ukoll appoġġ għall-ġbir u l-analiżi tad-data;	(a) Appoġġ għas-settur tal-mużika: promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni fis-settur tal-mużika, b'mod partikolari d-distribuzzjoni tar-repurtorju mużikali fl-Ewropa u lil hinn minnha, azzjonijiet ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-udjenzi għar-repurtorju Ewropew, kif ukoll appoġġ għall-ġbir u l-analiżi tad-data;
(b) Appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati għall-promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni, b'mod partikolari t-traduzzjoni u l-promozzjoni tal-letteratura Ewropea fost il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi kif ukoll proġetti transnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp fis-settur;	(b) Appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati għall-promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni, b'mod partikolari t-traduzzjoni u l-promozzjoni tal-letteratura Ewropea fost il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi kif ukoll proġetti transnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp fis-settur;
(c) Appoġġ għas-setturi tal-arkitettura u tal-wirt kulturali: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà tal-operaturi, il-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp tal-udjenzi u l-internazzjonalizzazzjoni tas-setturi tal-wirt kulturali u tal-arkitettura, il-promozzjoni ta' Baukultur, l-appoġġ għas-salvagwardja, għall-konservazzjoni u għat-titjib tal-wirt kulturali u tal-valuri tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' netwerking u ta' tagħlim bejn il-pari;	(c) Appoġġ għas-setturi tal-arkitettura u tal-wirt kulturali: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà tal-operaturi, il-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp tal-udjenzi u l-internazzjonalizzazzjoni tas-setturi tal-wirt kulturali u tal-arkitettura, il-promozzjoni ta' Baukultur, l-appoġġ għas-salvagwardja, għall-konservazzjoni u għat-titjib tal-wirt kulturali, <b>inkluż kultura tradizzjonali folkloristika</b> , u tal-valuri tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' netwerking u ta' tagħlim bejn il-pari;
(d) Appoġġ għal setturi oħra: azzjonijiet immirati favur l-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tad-disinn u tal-moda u tat-turiżmu kulturali, kif ukoll il-promozzjoni u r-rappreżentanza tagħhom barra l-Unjoni Ewropea.	(d) Appoġġ għal setturi oħra: azzjonijiet immirati favur l-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tad-disinn u tal-moda u tat-turiżmu kulturali, kif ukoll il-promozzjoni u r-rappreżentanza tagħhom barra l-Unjoni Ewropea.

**Raġuni**

Il-kultura tradizzjonali folkloristika fil-forom varji tagħha (l-artiġjanat, il-mużika, iż-żfin...) hija sors sinifikanti ta' vitalità għall-insedjamenti rurali b'mod partikolari, u għall-iżvilupp lokali u reġjonali u l-iskambju kulturali Ewropew. Hija wkoll strument biex tissaħħaħ l-identità kulturali Ewropea u jiġi ppreservat il-prinċipju ta' "l-unità fid-diversità".

**II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

**Ewropa Kreattiva**

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-programm attwali Ewropa Kreattiva bħala programm waħdu, denju tal-atturi kollha tas-settur kulturali. Qafas finanzjarju awtonomu huwa l-aħjar mod biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kisbiet tal-perjodu 2014-2020 kif ukoll biex jipproduċi evalwazzjoni kredibbli għall-futur;

2. ifakkar li l-programm Ewropa Kreattiva jidħol fil-kuntest ta' proposta usa' dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (ippublikata fit-2 ta' Mejju 2018), għalhekk l-eżitu tan-negozjati dwar il-proposta tal-baġit għandu impatt kbir fuq il-forma finali u l-kontenut tal-programm; Ewropa Kreattiva huwa programm ta' importanza kbira għall-iżvilupp kulturali u l-internazzjonalizzazzjoni, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-allokkazzjoni lill-programm. Huwa kruċjali li ma titnaqqasx din il-parti tal-baġit tal-UE, mhux l-inqas fid-dawl tal-isfidi li tiffaċċja l-kooperazzjoni Ewropea;
3. iqajjem kuxjenza dwar l-espansjoni tal-kultura bħala qasam ta' politika: l-għadd ta' proġetti transsettorjali li jinvolvu l-kultura qed jikber, u jindirizzaw oqsma bħar-riġenerazzjoni urbana, l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh, is-saħħa, il-benessri u l-inklużjoni soċjali. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-proposta tirrifletti dan il-fenomenu;
4. fir-rigward tar-rwol tal-arti u l-kultura fit-tiswir tal-identità u l-ħolqien tal-koeżjoni, jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza tal-libertà artistika u l-libertà ta' espressjoni, li għandhom jiġu ggarantiti skont il-valuri universali tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, kif ukoll il-prinċipji tad-demokrazija u l-istat tad-dritt;
5. barra minn hekk, jemmen li huwa fundamentali għall-iżvilupp tal-"identità ċivika Ewropea" li l-azzjonijiet u r-riżorsi jkunu mmirati lejn it-tixrid ta' elementi komuni li l-Ewropej kollha naqsmu bejnietna, f'oqsma bħall-istorja, il-kultura u l-patrimonju. F'dan ir-rigward, il-programm Ewropa Kreattiva estiż u l-Aġenda Ewropea għall-Kultura huma partikolarment rilevanti;
6. bi pjaċir jinnota li l-proposta tirrifletti id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u esterni kif ukoll il-wirt kulturali u diġitali bħala żewġ azzjonijiet trasversali tal-Aġenda Ewropea Għda għall-Kultura billi jiġu assenjati azzjonijiet lilhom;
7. jilqa' d-dimensjoni internazzjonali rinfurzata tal-proposta iżda jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi li jinsabu fir-rikonċiljazzjoni tal-prijoritajiet fi ħdan u lil hinn mill-UE;
8. jilqa' r-referenzi għas-sinerġiji ma' – fost oħrajn – politiki reġjonali, urbani u rurali tul il-programm kollu li huma "strumentali għall-promozzjoni tar-ristawr tal-wirt kulturali u għall-appoġġ tal-industriji kulturali u kreattivi" <sup>(1)</sup>.
9. jipproponi wkoll li tissaħħaħ ir-referenza għar-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-ħajja artistika u kulturali tal-komunità tagħhom, u jitlob tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan il-programm. F'dan il-kuntest, jenfassizza li hemm lok li jinkiseb bilanċ adegwat bejn, minn naħa, ir-riżorsi ddedikati għall-proġetti l-kbar globali, u min-naħa l-oħra, il-finanzjament tal-miżuri u l-attivitajiet iffokati fuq il-livell lokali u reġjonali, inklużi l-SMEs;
10. itenni li l-biċċa l-kbira tal-intrapriżi tas-settur tal-kultura u l-kreattività huma mikrointrapriżi, SMEs u intrapriżi b'ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jirrikjedu inizjattivi u organizzazzjoni fil-livell lokali. Dan l-approċċ lokali huwa aspett pożittiv għar-reġjuni kemm għax jagħti spinta lill-ekonomiji lokali kif ukoll għax jagħti kontribut sabiex jinżammu l-ħiliet u l-impjiegi korrispondenti fil-livell lokali. Għalhekk jeħtieġ li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni partikolari tal-intraprendituri u l-ħaddiema tas-settur tal-kultura, inklużi dawk li joperaw f'reġjuni b'restrizzjonijiet strutturali permanenti <sup>(2)</sup>;
11. jesprimi tħassib li l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO) tissemma espliċitament fil-preambolu tal-proposta bħala entità li "għandha tkun eliġibbli għal appoġġ dirett tal-Unjoni", minkejja l-fatt li l-emenda għar-Regolament attwali miftiehem mill-Istati Membri tiddikjara b'mod ċar li "[j]enħtieġ li l-finanzjament jingħata eċċezzjonalment lill-EUYO sa tmiem il-Programm Ewropa Kreattiva fil-31 ta' Diċembru 2020"; f'dan ir-rigward il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jixtieq jirċievi garanzija li l-partijiet rilevanti kollha jaġixxu f'konformità sħiħa mar-regolament attwali emendat bir-Regolament (UE) 2018/596 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018.

<sup>(1)</sup> COM(2018) 366 final.

<sup>(2)</sup> CdR 401/2011 fin.

12. fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tal-ħaddiema u l-intraprendituri fil-qasam kulturali, jenfasizza l-importanza li, fi ħdan il-programm Ewropa Kreattiva, jiġi promoss u jitħeġġeġ l-użu tal-faċilità ta' garanzija fuq is-self żviluppata fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, anke jekk il-Faċilità ta' Garanzija tinsab f'post differenti;

### Il-fergħa Kultura

13. jesprimi tħassib dwar il-bilanċ tal-azzjonijiet orizzontali u settorjali ġodda minħabba li baġit li żdied bi ftit ma jippermettix awtomatikament għal numru ferm ikbar ta' prijoritajiet biex jiġu realizzati;

14. fil-każ tal-azzjonijiet settorjali:

— jirrimarka li l-enfasi fuq l-arkitettura fir-rigward tal-wirt kulturali tista' tfixkel il-kisbiet tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, li l-għan tagħha kien li jiġi esperjenzat u esplorat il-wirt kulturali Ewropew billi jitwessgħu l-orizzonti tan-nies u li wieħed imur lil hinn mill-wirt mibni; f'dan ir-rigward, jikkunsidra li għandha tiġi stabbilita linja speċifika fi ħdan il-programm Ewropa Kreattiva biex jiġi appoġġat it-tixrid tal-wirt kulturali Ewropew wara l-2018;

— jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-oqsma msemmija taħt il-punt (d) – id-disinn, il-moda u t-turiżmu kulturali – għandhom natura transsettorjali, għalhekk l-appoġġ tagħhom jeħtieġ ċertu livell ta' koordinazzjoni ma' oqsma ta' politika oħrajn.

— huwa mħasseb dwar il-bilanċ bejn it-tipi differenti ta' arti fil-miżuri settorjali u l-azzjonijiet settorjali l-ġodda;

15. jissuġġerixxi li t-taqsimha dwar l-identità u l-valuri Ewropej fil-fergħa tal-programm "Kultura" jkollha rabta aktar qawwija mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) għall-kisba tal-għan mixtieq u jiġi evitat li l-programm jinftiehem ħażin;

16. iħeġġeġ bil-qawwa lis-setturi kulturali u awdjoviżivi kollha – bħas-settur tal-mużika – biex jittrasferixxu l-għarfien u l-ħiliet diġitali biex irawmu relazzjonijiet u joħlqu kollaborazzjonijiet innovattivi fil-livell lokali u reġjonali wkoll;

### Il-fergħa Transsettorjali

17. jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda u t-tisħiħ ta' din il-fergħa u b'hekk jiġu żgurati s-sinerġiji fi ħdan il-programm; fl-istess ħin, jirrimarka li meta mqabbla ma' din il-proposta, hemm enfasi akbar fuq il-għbir tad-data u l-istatistika fil-Programm Ewropa Kreattiva għall-perjodu 2014-2020 f'din il-fergħa, li għandu jkun inkluż ukoll fil-programm futur;

### Il-fergħa Media

18. jirrikonoxxi l-bidla fil-mudell li qed iġġib magħha l-bidla diġitali bil-mod kif il-prodotti kulturali qed jinħolqu, jiġu ġestiti, disseminati, aċċessati, ikkunsmati u msarrfin fi flus. Id-diġitalizzazzjoni ġġib magħha opportunitajiet ġodda anke biex ir-reġjuni fl-Ewropa jingħaqdu hekk kif jaqsmu xogħlijiet awdjoviżivi u jeżaminaw modi ġodda kif joħlqu rabtiet u jaqsmu l-kontenut bejniethom. Din it-tranżizzjoni tista' tghinjom ukoll biex jiġbdu lejhom udjenzi ġodda, japprofittaw ruħhom minn kontenut alternattiv, jipprovdu servizzi ġodda u jagħtu aktar viżibbiltà lill-kontenut minn reġjuni differenti <sup>(3)</sup>. It-tranżizzjoni diġitali se tippermetti lill-atturi kulturali jipproponu lilhom infushom bħala promoturi tal-innovazzjoni permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni ġodda u diġitali, multidirezzjonali u fuq ħafna kanali, bl-implimentazzjoni tar-rabta mat-territorju u għalhekk huma stess isiru atturi attivi għal tkabbir kulturali u ekonomika intelliġenti u sostenibbli;

19. f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni fuq l-għadd konsiderevoli ta' artisti li x-xogħlijiet u l-iżviluppi, minkejja li mhumiex diġitali, huma daqstant importanti wkoll, kif ukoll fuq l-istrutturi li jipprovdu lill-pubbliku ġenerali possibbiltajiet u għodod edukattivi, bħall-libreriji;

20. iħeġġeġ bil-qawwa lis-setturi kulturali u awdjoviżivi kollha – bħas-settur tal-mużika – biex jittrasferixxu l-għarfien u l-ħiliet diġitali biex irawmu relazzjonijiet u joħlqu kollaborazzjonijiet innovattivi fil-livell lokali u reġjonali wkoll;

<sup>(3)</sup> CdR 293/2010 fin.

21. f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kreazzjoni u l-iżvilupp artistiċi mhux diġitali jipersistu u bħala tali huma għandhom ukoll ikollhom post denju fil-komunitajiet tas-seklu 21;

### **Baġit**

22. jesprimi tħassib dwar il-bagıt propost tal-programm il-ġdid minħabba l-fatturi li ġejjin:

— il-proposta tal-Kummissjoni ma tidhirx li tqis l-inflazzjoni; f'dan ir-rigward, ifakkar lill-Kummissjoni li matul il-formulazzjoni tal-proposta preċedenti, kien parti mid-diskors li l-bağıt iddedikat għas-setturi kulturali u kreattivi seta' jitla' għal EUR 1,801 biljun (\*);

— meta mqabbel mal-perjodu attwali, il-bağıt propost ta' EUR 1,85 biljun huwa allokat b'mod sinifikanti lil numru ogħla ta' prijoritajiet minħabba l-azzjonijiet settorjali l-ġodda fil-fergħa Kultura;

— filwaqt li jifhem l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħloq l-effiċjenza billi tiċentralizza l-għadd kbir ta' strumenti finanzjarji tal-UE attwalment disponibbli biex jappoġġjaw l-investimenti fl-UE, jesprimi tħassib li l-kisbiet tal-Faċilità ta' Garanzija sal-lum jistgħu jiddgħajfu, peress li daww responsabbli għal dan l-istrument fis-settur kulturali mhux se jingħataw l-istess tagħrif bħal fil-perjodu attwali;

23. f'dan ir-rigward, jipproponi li tiġi stabbilita mira baġitarja ta' aktar minn EUR 2 biljuni kif ukoll jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inkorporati aħjar il-kultura u l-wirt kulturali fil-prijoritajiet tal-QFP li jmiss kemm permezz ta' integrazzjoni kif ukoll ta' sinerġiji ma' programmi u politiki oħrajn;

24. jenfasizza bil-qawwa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu kkonsultati b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-governanza tal-miżuri mfasslin biex jipprovdu finanzjament għal setturi kulturali u kreattivi madwar l-Ewropa b'attenzjoni għal kopertura ġeografika wiesgħa;

25. dwar l-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, jesprimi t-tama li, filwaqt li tibni fuq il-kisbiet komuni u l-esperjenzi kulturali sal-lum, l-UE u r-Renju Unit ser ikunu jstgħu jkomplu u jiżviluppaw aktar relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku fil-qasam kulturali;

26. jemmen li l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità se jintlaħqu kompletament biss jekk il-“Proċedura ta' Kumitat”terġa' tid-daħħal fil-proposta biex jiġi żgurat skrutinju xieraq tal-Istat Membru rigward il-ġestjoni tal-programm; bl-istess mod, il-livelli lokali u reġjonali għandhom jiġu kkonsultati regolarmet dwar id-direzzjonijiet u l-programmi ta' hídma annwali;

### **Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura**

27. jilqa' l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura bħala bażi ta' politika notevoli u komprensiva biex issaħħaħ l-identità Ewropea permezz tar-rikonoxximent tad-diversità tal-kulturi Ewropej, biex issaħħaħ is-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u r-relazzjonijiet tagħhom ma' sħab lil hinn mill-Ewropa, kif ukoll biex issaħħaħ il-konnessjonijiet bejn il-kultura, l-edukazzjoni u oqsma oħra ta' politika;

28. jilqa' l-fatt li l-Aġenda Ewropea Ġdida, bl-introduzzjoni tal-kunċett ta' “kapaċità kulturali”tqis l-isfida ta' xi jfisser meta jinbidlu l-aspettattivi tal-udjenzi, li tirrikjedi involviment akbar tal-popolazzjoni lokali fit-tfassil tal-programmi kulturali mill-użu tal-ideat tagħhom għal li jiġu involuti fl-implimentazzjoni;

(\*) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52011AR0401&from=EN>.

29. jinsab kument li l-komunikazzjoni ssemmi espliċitament lill-bliet u r-reġjuni bħala waħda mit-tliet ekosistemi li għandna nif-fukaw fuqhom; fl-istess ħin jenfasizza l-importanza li jittieħed kont tar-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-eżekuzzjoni prattika tal-prijoritajiet;

30. fl-istess ħin, jinnota f'dan il-kuntest li l-Kumitat diġà enfażizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, minħabba li huma qrib iċ-ċittadini, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni strateġika biex jindirizzaw il-bżonnijiet u t-talbiet speċifiċi tal-gruppi kulturali differenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li tinvolvi wkoll livell għoli ta' responsabbiltà <sup>(5)</sup>;

31. jilqa' l-fatt li l-Aġenda Ġdida tirrikonoxxi l-ħtieġa għal bidla radikali minn STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika) għal STEAM (li tinkludi l-Arti) u l-puntwalità li l-ħsieb kreattiv u kritiku jestendi għal-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll li nitbiegħdu mis-separazzjoni ċara bejn ix-xjenzi u l-istudji umanistiċi. L-arti hija l-kapaċità li wieħed jibni ideat ġodda u ta' użu. Permezz tal-integrazzjoni tal-arti u l-kreattività, il-kurrikulu STEM isir saħansitra aktar attraenti, innovattiv u kreattiv. Is-suġġetti artistiki jappoġġaw l-iżvilupp tat-talenti, tal-kultura; huwa għalhekk li jridu jiġu integrati mat-teknoloġija;

32. il-kultura tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi indiġeni hija komponent essenzjali tal-wirt kulturali tal-Unjoni Ewropea. Il-livell lokali u reġjonali huwa responsabbli biex jippreserva u jappoġġja din il-kultura u biex jiżgura li kulħadd ikollu aċċess għal dawn il-kulturi individwali. Barra minn hekk, l-UE għandha tippovdi appoġġ finanzjarju għal din il-kawża, inklużi riżorsi mmirati li huma allokati għall-kompiti assenjati lil-livell reġjonali fir-rigward tas-salvagwardja tal-isfond kulturali tal-minoranzi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-użu ta' strumenti virtwali innovattivi, kif ukoll għall-promozzjoni fil-livell tal-UE tad-diversi kulturi tal-minoranzi;

33. jitlob għal governanza fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tirrikonoxxi l-innovazzjoni tas-CCS (is-settur kulturali u kreattiv) bħala mutur għal żvilupp lokali u reġjonali olistiku;

34. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali integraw b'suċċess is-setturi kulturali u kreattivi fl-istrategġiji ta' żvilupp tagħhom, u li dan kien ta' kontribut biex l-ekonomiji lokali jingħataw spinta 'l quddiem u biex iżommu l-popolazzjoni fit-territorji tagħhom <sup>(6)</sup>;

35. madankollu, jinsisti li l-integrazzjoni ta' Strategġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) fi strategġiji ta' żvilupp reġjonali għadha tippreżenta sfida u għaldaqstant ir-reġjuni jkollhom bżonn l-appoġġ imsaħħaħ tal-istituzzjonijiet tal-UE fit-tweġiq tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, meqjusa bħala qafas ta' politika reġjonali għat-tkabbir xprunat mill-innovazzjoni;

36. jenfasizza li s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 tat spinta għal parteċipazzjoni ferventi fil-post, b'eluf ta' attivitajiet li qed iseħħu mal-Ewropa kollha, li jħeġġu l-iskambju u l-apprezzament tal-wirt kulturali Ewropew bħala riżorsa komuni, iqajmu kuxjenza dwar l-istorja u l-valuri komuni tal-Ewropa, u jsaħħu s-sens ta' appartenenza għal spazju komuni Ewropew;

37. jitlob li l-impatt u l-wirt pożittiv tas-Sena jkomplu jiġu valorizzati, appoġġjati u nkomplu nibnu fuqhom u li s-sħubijiet u networks li bdew matul is-Sena jkomplu wara bħala parti mill-kooperazzjoni kulturali tal-UE. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-qafas Ewropew għall-wirt kulturali ppreżentat f'Diċembru 2018, li jinkludi ħames miżuri konkreti bil-għan li jkun hemm tibdil ġenwin fil-mod li bih napprezzaw, nikkonservaw u nipromovu l-wirt kulturali Ewropew;

38. japprova l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażijiet legali magħżula, jirrikonoxxi r-rilevanza tal-Artikoli 173 u 208 TFUE, u jappoġġja t-tliet għanijiet strateġiċi (soċjali, ekonomiku u d-dimensjonijiet esterni) u ż-żewġ azzjonijiet trasversali (il-wirt kulturali u diġitali);

39. jirrakkomanda li fid-dimensjoni soċjali, is-silta "jiġi [p]rotett u promoss il-wirt kulturali Ewropew bħala riżorsa komuni, biex titqajjem kuxjenza dwar l-istorja u l-valuri komuni tagħna u jissaħħaħ is-sens ta' identità Ewropea komuni" tappoġġja l-protezzjoni u r-rispett tal-wirt reliġjuż Ewropew u tippromovi l-valuri ċentrali stabbiliti taħt l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

<sup>(5)</sup> CdR 44/2006 fin.

<sup>(6)</sup> CdR 181/2010 fin.

40. rigward it-tielet dimensjoni (relazzjonijiet esterni), "jirimarka bil-qawwa dwar il-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha u profonda fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali meta jingħata bidu u jiġu żviluppati strateġiji li jappoġġjaw ir-relazzjonijiet u l-attivitajiet kulturali internazzjonali" <sup>(7)</sup> u jemma li diplomazija tal-bliet tista' tkun triq 'il quddiem fil-promozzjoni tal-identità kulturali Ewropea madwar id-dinja;

41. jemma li l-mobilità tal-professjonisti kulturali kienet tkun f'pożizzjoni aħjar fost azzjonijiet trasversali minħabba li din tip-provdi valur miżjud sostanzjali lit-tliet dimensjonijiet kollha;

42. itenni l-ħtieġa għal titjib fil-ġbir ta' data u statistika dwar il-kultura, li huwa prerekwiżit biex jiġu żviluppati politiki bbażati fuq l-evidenza kredibbli fil-futur u jappella għal approċċ ta' riċerka strateġiku li jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien madwar inizjattivi mifruxa attwalment, li jggarantixxi l-kopertura tas-setturi kollha f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati kulturali.

Brussell, is-6 ta' Frar 2019.

*Il-President*

*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

---

(7) COR-2016-05110-00-00-AC-TRA.